# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 31 ta' Jannar 2019**

**Numru 6**
**Rikors maħluf numru 128/2007 PC**

**Carmela Cassar, Mary Attard**
**u Josephine Sultana**

***v.***

**Tarcisio u Maria Victoria konjuġi Azzopardi**

1. Dan huwa appell tal-konvenuti minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fit-28 ta' Novembru 2012 li wara li ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti ikkundannathom iroddu lill-atturi "l-bilanċ ta' sehemhom mill-prezz tal-proprjetà li kellu f'idejh" l-awtur tagħhom, flimkien mal-imgħax minn dakinhar tas-sentenza. Sar ukoll appell inċidentali mill-atturi minn dik il-parti tas-sentenza li ordnat li l-imgħax igħaddi biss minn dakinhar tas-sentenza.

2. Il-fatti relevanti għal dan l-appell huma dawn. Eucharist Cassar huwa bin l-attriċi Carmela Cassar; l-atturi l-oħra u l-konvenuta Maria Victoria Azzopardi huma ħutu. B'kitba tal-5 ta' Ottubru 1995 Eucharist Cassar kien daħal fi ftehim ta' wegħda ta' bejgħ-u-xiri mal-konvenuti konjuġi Azzopardi biex jixtri mingħandhom appartament u *garage* f'Għajn-sielem bil-prezz ta' dsatax-il elf u ħames mitt lira ta' Malta (Lm19,500) – daqs ħamsa u erbgħin elf, erba' mija u tnejn u għoxrin euro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€45,422.78). L-atturi jgħidu illi tħallas il-prezz kollu, għalkemm il-konvenuti jiċħdu dan.

3. Eucharist Cassar ħa l-pussess tal-immobbli dakinhar stess li sar il-ftehim u kien għamel bi flusu xi xogħlijiet fih.

4. L-atturi igħidu illi l-kuntratt ta' bejgħ-u-xiri baqa' ma sarx għax Eucharist Cassar kellu l-ħsieb li l-proprjetà jbigħha lil terzi. Igħidu wkoll illi dan kien bi ftehim mal-konvenuti għalkemm il-konvenuti jiċħdu dan.

5. Ġara illi Eucharist Cassar miet qabel ma sar il-bejgħ. L-atturi jgħidu illi l-werrieta tiegħu – ommu u ħutu, partijiet f'din il-kawża, u żewġ ħutu oħra li ma humiex parti fil-kawża – ftiehmu illi l-proprjetà tinbgħ u r-rikavat, wara li jitnaqqsu xi spejjeż, jinqasam bejn il-werrieta. Il-konvenuti jiċħdu li kien hemm xi ftehim bħal dan u jgħidu illi, la ma laħaqx sar il-bejgħ qabel il-mewt ta' Eucharist, il-proprjetà baqgħet tagħhom.

6. Il-proprjetà eventwalment inbigħet lil MaryJane Ellul, li wkoll hija oħt Eucharist għalkemm ma hijiex parti fil-kawża. L-atturi jgħidu illi l-bejgħ sar bil-prezz ta' sebgħa u għoxrin elf lira ta' Malta (Lm27,000) – daqs

tnejn u sittin elf, tmien mija u tlieta u disgħin euro u tmien ċenteżmi (€62,893.08) – waqt ill il-konvenuti jgħidu illi l-prezz kien ta' disat elef lira (Lm9,000) – daqs għoxrin elf, disa' mija u erbgħa u sittin euro u sitta u tletin ċenteżmu (€20,964.36) – biss. Fil-fatt dan tal-aħħer huwa l-prezz li jidher fuq il-kuntratt[1].

7. L-atturi jridu dak li jqisu bħala sehemhom mir-rikavat u għalhekk talbu illi l-qorti:

> »tordna lill-intimati konvenuti sabiex jirrifondu lir-rikorrenti atturi l-bilanċ ta' sehmhom mill-prezz tal-proprjetà msemmija u *cioè* tlettax-il elf u ħames mitt Lira Maltin (Lm13,500) wara li jinqatgħu l-ispejjeż fuq imsemmija.«[2]

8. L-ewwel qorti laqgħet it-talbiet tal-atturi għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »… … … permezz ta' din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu:
>
> »(i) li l-konvenuti jagħtuhom rendikont tal-ispejjeż li ntefqu fil-kawżi relatati mal-mewt ta' Eucharist Cassar, li fihom kienu pparteċipaw il-kondendenti; u
>
> »(ii) wara li jitnaqqas sehemhom minn dawn l-ispejjeż, jirrifondulhom il-parti tagħhom mir-rikavat tal-bejgħ tal-appartament u *garage* li kienu f'idejn l-istess Eucharist Cassar sakemm kien għadu ħaj, u li wara nbigħu mill-konvenuti.
>
> »Il-konvenuti qegħdin jopponu dawn it-talbiet għad-diversi raġunijiet indikati fir-risposta ġuramentata tagħhom.
>
> »Il-fatti fil-qosor li wasslu għal din il-kawża kienu ssegwenti:
>
> »Fil-5 ta' Ottubru 1995, Karistu Cassar, bin l-attriċi u ħu l-atturi l-oħra, daħal f'konvenju mal-konvenuti sabiex jixtri mingħandhom appartament u *garage in shell form* f'Għajnsielem. Il-prezz kellu jkun ta' Lm19,500, li minnhom tħallsu Lm2,000 bħala depożitu fuq il-konvenju, bil-bilanċ jitħallas fuq il-kuntratt, ħlief għal Lm4,500 li kellhom jitħallsu f'pagamenti mensili ta' Lm100 kull wieħed mingħajr interessi. Il-kuntratt relattiv kellu jsir fi żmien erba' xhur, imma baqa' qatt ma sar. Madankollu Cassar laħaq għamel diversi xogħlijiet ta' tlestija fl-

[1] *Fol.* 20.

[2] Din kienet it-tieni talba tal-atturi; l-ewwel talba kienet biex il-qorti tikkundanna lill-konvenuti jagħtu rendikont ta' xi spejjeż li kienu saru biex infetħet kawża kontra dawk li l-partijiet kienu jqisu bħala responsabbli għall-mewt tal-awtur tagħhom. Ma sarx appell mid-deċiżjoni fuq din it-talba.

appartament, bħal tikħil, tqegħid ta' madum, u mogħdija ta' sistema ta' elettriku u ilma, sakemm miet f'inċident sfortunat fl-4 ta' Frar 1998. In segwitu għal din id-disgrazzja, l-aħwa kollha u żwieġhom ltaqgħu fid-dar tal-attriċi Carmela Cassar, u ġie deċiż li jittieħdu proċeduri ċivili u kriminali kontra min deherilhom li kien responsabbli għal dak li ġara, u dan sabiex jitnaddaf isem Karistu mix-xnigħa li kien ikkommetta suwiċidju. Qablu li għal dawn il-proċeduri u l-ispejjeż relattivi kellu jieħu ħsieb il-konvenut Tarcisio Azzopardi.

»Fl-10 ta' Ottubru tal-istess sena, il-konvenuti bigħu l-appartament u *garage* li kienu ġew imwiegħda lil Karistu Cassar lil Vincent Ellul u martu Mary Jane, din oħt Karistu wkoll, għall-prezz dikjarat fuq il-kuntratt ta' Lm9,000.

»Wara li ġew deċiżi sew il-kawża kriminali kontra min kien responsabbli għall-mewt ta' Karistu Cassar, kif ukoll fil-prim'istanza dik ċivili għad-danni relattivi, l-atturi talbu lill-konvenuti jaghtuhom rendikont tal-ispejjeż minnhom imħallsa, u biex, wara li jinqata' sehemhom minn dawn l-ispejjeż, jirrifondulhom il-parti spettanti lilhom mir-rikavat tal-bejgħ ta' dan l-appartament u *garage*. Il-konvenuti però rrifjutaw u għalhekk saret din il-kawża.

»L-atturi qed isostnu li meta ftiehmu li jinfetħu l-proċeduri ġudizzjarji konnessi mal-mewt ta' Karistu, u peress li ħadd minnhom ma kien f'posizzjoni li joħroġ spejjeż, kien hemm qbil li dawn jitnaqqsu mir-rikavat tal-bejgħ tal-appartament u *garage* ta' Karistu, li kellhom jinbigħu għall-prezz ta' Lm27,000, u l-bilanċ imbagħad jinqasam bejn l-eredi tiegħu *ex lege*, u *cioè* ommu u l-ħames ħutu, inkluż il-konvenuta li tiġi oħtu wkoll. Il-konvenuti jiċħdu li qatt kien hemm xi ftehim f'dan is-sens. Jammettu biss li Tarcisio kien aċċetta li jieħu ħsieb isegwi l-kawżi msemmija.

»Fir-risposta ġuramentata tagħhom il-konvenuti fl-ewwel lok iqajjmu dubbju dwar it-tip ta' azzjoni ttentata mill-atturi. Huwa evidenti però li l-atturi qegħdin jagixxu a bażi tal-artikolu 1147 tal-Kodiċi Ċivili li jistipula:

> »"(1) Kull ħlas jissoponi dejn, u dak li jitħallas bla ma jkollu jingħata, jista' jintalab lura.
>
> »»(2) Iżda, ma hemmx jedd ta' azzjoni għall-ħlas lura jekk dak li tħallas kellu jingħata bis-saħħa ta' obbligazzjoni naturali."

»L-atturi jikkontendu li Karistu Cassar, għalkemm baqa' ma għamilx il-kuntratt, kien ħallas il-prezz kollu tal-appartament u *garage* imwegħda bil-konvenju tal-1995. Barra minn hekk isostnu li kien laħaq wettaq ix-xogħlijet kollha ta' tlestija fl-appartament biex żdied il-valur tiegħu, u għalhekk ftiehmu li dawn iż-żewġ proprjetajiet kellhom jinbigħu għall-prezz komplessiv ta' Lm27,000. Huma jippretendu li, ġaladarba l-konvenuti kienu ġà tħallsu dak dovut minn Karistu, ir-rikavat mill-bejgħ, li kien jirrifletti wkoll il-benefikati magħmula fl-appartament, kien jispetta lill-eredi kollha tiegħu u mhux lill-konvenuti biss, li allura ġew li tħallsu darbtejn.

»Dwar artikolu identiku fil-liġi taljana l-antika, il-Giorgi jikkumenta illi:

> »"I pagamenti eseguiti per una causa futura che non è poi verificata, o per causa già esistente, ma venuta dopo a mancare, possono ripetersi; Il fondamento di questo diritto di ripetizione, quando non si trovi in qualche disposizione speciale dei contratti, bisogna cercarlo nell'articolo 1237 del Codice Civile, e nei principii

> generali del diritto, i quali su questo proposito … non fanno che sanzionare e fortificare canoni di equità e di morale, rispettati in tutti i tempi della dottrina e dalla pratica forense.”[3]

»Fil-lista tal-eżempji li jagħti fejn tista’ tintalab ir-ripetizjoni b’dan il-mod, l-istess awtur isemmi appuntu l-każ ta’ “*pagamento fatto per adempiere una condizione sotto la quale ci è stato conceduto un diritto, quante volte non si acquisti poi effettivamente il diritto stesso*”[4]. Proprju kif għandna fil-każ in eżami, fejn minkejja li allegatament saru l-pagamenti kollha dovuti, u anke l-benefikati fil-proprjetà li kellha tinbigħ lil Karistu Cassar, din baqgħet qatt ma ġiet trasferita formalment lilu bil-kuntratt.

»… … …

»Niġu issa għalhekk sabiex jiġi ttrattat il-mertu proprju tal-kawża, u *cioè* jekk hux minnu li kien hemm qbil li r-rikavat mill-bejgħ tal-proprjetà li kellu f’idejh Karistu Cassar ried jinqasam bejn l-eredi kollha tiegħu, u dan wara li jinqatgħu l-ispejjeż tal-kawżi relatati mal-mewt tiegħu. Jidher mill-provi miġbura li hawnhekk għandha żewġ verżjonijiet diametrikament opposti għal xulxin. Il-kompitu tal-qorti huwa għalhekk li teżamina u tevalwa l-provi prodotti, biex imbagħad tiddeċidi liema minn dawn il-verżjonijiet hija l-iktar kredibbli u verosimili.

»L-atturi kollha u l-konjuġi Ellul, li xtraw il-proprjetà mwiegħda lil Karistu Cassar, kienu unanimi fil-verżjoni li taw ta’ kif fil-fehma tagħhom seħħew l-affarijiet. Wara li sar il-konvenju għax-xiri tal-appartament u l-*garage* mingħand il-konvenuti, Karistu beda jagħmel ix-xogħlijiet ta’ tlestija fl-appartament bl-intenzjoni li meta jkun lest jerġa’ jbiegħu. Minħabba f’hekk ma xtaqx jagħmel il-kuntratt mal-konvenuti biex jiffranka t-taxxi. Sadanittant baqa’ regolarment jagħmel pagamenti lill-konvenut, sakemm sa ftit qabel ma miet kien laħaq ħallas kollox. Dan seta’ jagħmlu billi, apparti x-xogħol regolari tiegħu bħala suldat fl-Armata, kien jaħdem *part-time* mal-konvenut stess fin-negozju tal-*aluminium*, u anke jmexxi l-*bar* tal-kazin tal-*football* tax-Xewkija. Ir-riċevuti relattivi għall-ħlas li kien perjodikament jagħmel lill-konvenut kien iżommhom f’kexxun tal-kċina fid-dar ta’ ommu l-attriċi, u sussegwentement f’*file* roża mdendel ma’ musmar fl-appartament stess. Dan il-*file* però baqa’ ma nstabx. Ċavetta kien iżomm waħda Karistu u oħra jħalliha f’idejn il-konvenut, f’każ li tiegħu ikun nesiha d-dar t’ommu x-Xewkija.

»F’laqgħa li nżammet ftit wara l-mewt tiegħu fid-dar tal-attriċi Carmela Cassar, u li għaliha kienu presenti l-aħwa kollha tal-mejjet flimkien ma’ żwieġhom, intlaħaq ftehim li jinfetħu proċeduri ġudizzjarji biex jiġi stabilit tassew min kien responsabbli għall-mewt ta’ Karistu. Imma ħafna minn dawk presenti kienu preokkupati mill-ispejjeż involuti f’dawn il-proċeduri u lanqas ma kellhom avukat ta’ fiduċja tagħhom. Il-konvenut, li kien midħla tan-negozju, offra li jieħu ħsieb il-proċeduri tal-qorti hu stess, b’dan illi l-ispejjeż involuti jitħallsu mir-rikavat tal-bejgħ tal-appartament u *garage* li kellhom jitpoġġew fis-suq għal Lm30,000. F’xi żmien wara tħajjru jixtruhom il-konjuġi Ellul u, billi kienu ta’ ġewwa, kien hemm qbil li jeħduhom bil-prezz ta’ Lm27,000. Infatti sar il-

---

3 *Teoria delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italiano*, 1904, vol.V, para. 130 pag. 198.

4 *Op. cit.* para. 132 pag. 200 -201.

kuntratt relattiv bejn il-konvenuti u l-konjuġi Ellul fl-10 ta' Ottubru 1998. Kif ikkonfermaw l-istess konjuġi Ellul fid-deposizzjoni tagħhom, dak-inhar l-appartament kien lest minn kollox, u s-somma li kellhom iħallsu għal din il-proprjetà kienet appuntu dik miftehma ta' Lm27,000. Dawn jgħidu li ma ħallsuhomx kollha f'daqqa, u, sakemm kienu għadhom qed jinġabru l-provi, kien għad baqa'xi bilanċ x'jitħallas.

»Intqal ukoll li l-attriċi Carmela Cassar kienet ġà għaddiet minn esperjenza qarsa mal-konvenut meta damet żmien titħabat biex ġabret lura Lm29,000 li kienet ħallsitu akkont tal-prezz ta' appartament fil-Qala li ntrabtet li tixtri mingħandu b'konvenju li sfratta, kif ukoll biex jiġu rilaxxjati l-kontijiet bankarji tagħha marbuta b'garanzija għal xi self meħud minnu. Għalhekk hija u l-atturi l-oħra, billi bdew jissuspettaw li l-konvenut kien ser iħabbathom ukoll biex jieħdu sehemhom mir-rikavat tal-bejgħ tal-appartament u *garage* li kellu Karistu, malli nqatgħet is-sentenza fil-prim'istanza fil-kawża ċivili għad-danni li kienet ġiet istitwita, talbuh jagħtihom rendikont ta' x'kien intefaq, u, wara li jnaqqas l-ispejjeż ġà mħallsa, jagħtihom dak spettanti lilhom minn dak il-bejgħ.

»Min-naħa l-oħra nsibu l-konvenut Tarcisio Azzopardi jiċħad li kien sar xi ftehim f'dan is-sens, u jaċċetta biss li, fil-laqgħa familjari li kienet saret in segwitu għall-mewt ta' Karistu, kien indaħal biex jieħu ħsieb il-kawżi relatati mal-mewt ta' Karistu Cassar. Rendikont ma kienx għamel għaliex il-kawża ċivili ma kinitx għadha nqatgħet. (Infatti din inqtgħet biss fil-mori tal-kawża presenti). Jiċħad ukoll li f'dik il-laqgħa kien ammetta li Karistu kien ħallsu kollox. Anzi jinsisti li Karistu ma tah xejn iżjed, barra l-Lm2,000 indikati fuq il-konvenju. Dawn baqgħu għandu wara l-mewt ta' Karistu, u qatt ma ħaseb biex jgħaddihom lill-werrieta tiegħu. Għalkemm il-konvenju kien ilu sew li skada, issoporta indefinittivament billi Karistu kien tal-familja. Jammetti però li Karistu kien laħaq għamel xi xogħlijiet ta' tlestija fl-appartament, għalkemm jinsisti li l-bibien waħħalhom hu stess, wara l-mewt ta' Karistu. Jinsisti wkoll li l-prezz li kellhom iħallsu l-konjuġi Ellul għall-appartament u *garage* in kwistjoni kien ta' Lm9,000 kif jidher fil-kuntratt u dawn tħallsu kollha fuq l-att.

»Il-konvenuta Victoria Azzopardi, din bint l-attriċi Camela Cassar u oħt l-atturi l-oħra, fl-*affidavit* tagħha kkorroborat lil żewġha fil-verżjoni tiegħu tal-affarijiet, imma fil-kontroezami kienet ferm evażiva, kif kienu ħuha Angelo u martu.

»Hija l-fehma ta' din il-qorti li, fuq bilanċ ta' probabilità, dak li sostnew l-atturi u x-xhieda tagħhom huwa iżjed kredibbli u verosimili minn dak li qalu l-konvenuti u x-xhieda minnhom prodotti. Dan qed jingħad għas-segwenti raġunijiet:

»1. il-konsistenza tax-xiehda tagħhom; kollha qablu fuq verżjoni waħda, u *cioè* dik proposta mill-atturi fil-premessi tal-kawża;

»2. huwa minnu li ma nstabux riċevuti dwar il-pagamenti li saru minn Karistu Cassar lil Tarcisio Azzopardi, imma, apparti l-fatt li l-konvenut kellu aċċess għall-*flat* fejn l-atturi jgħidu li kienu qed jinżammu dawn ir-riċevuti, mhux probabli li Azzopardi, bħala bniedem tan-negozju li dejjem kellu bżonn il-flus f'idejh għad-diversi proġetti li kellu, tant li anke nqeda għal bosta snin bl-investimenti ta' omm il-mara biex jakkwista garanzija bankarja għas-self tiegħu, minkejja kull parentela li kellu ma' Karistu, kien

ser jikkuntenta li dan jibqa' jgawdi l-proprjetà in kwistjoni għal tliet snin sħaħ mingħajr ma jħallas xejn iżjed;

»3. hija realistika wkoll il-preokkupazzjoni tal-atturi u l-aħwa l-oħra, li ma xtaqux jistigaw proċeduri ġudizzjarji in konnessjoni mal-mewt ta' Karistu, qabel ma ġew assikurati li kien hemm il-proprjetà tiegħu x'setgħet tagħmel tajjeb għall-ispejjeż involuti;

»4. jissemma r-rendikont; il-konvenut qatt ma ċaħad li kellu jagħti rendikont, imma dan normalment jintalab minn min ikollu ħwejjġu f'idejn ħaddieħor, u jkun preokkupat biex il-fiduċjarju jispjega x'nefaq u x'fadallu f'idejh; għalhekk dan ma jistax ifisser ħlief li huwa minnu li l-konvenut kellu flus tal-mejjet fil-pussess tiegħu, li allura ried jagħti spjegazzjoni dwarhom lill-eredi ta' Karistu Cassar;

»5. altrimenti kien ikun l-istess konvenut ħerqan biex jiġbor l-ispejjeż li nefaq f'dan ir-rigward; imma l-konvenut qatt ma qal li l-ispejjeż għal dawn il-kawżi ħariġhom minn butu; lanqas ma jidher li kien ser inaqqashom mid-depożitu ta' Lm2,000 li żgur kien ħallas Karistu fuq il-konvenju tiegħu; donnu li dan id-depożitu ried inessih lil kulħadd, u mistoqsi dwaru in konto-eżami ma kienx kapaċi jwieġeb x'kien beħsiebu jagħmel bih;

»6. żgur li proprjetà li dwarha sar konvenju fl-1995 biex tinbigħ 'ġebel u saqaf' fl-1995 għal Lm19,500, tliet snin wara ma kinitx ser tinbiegħ Lm9,000 biss, tenut kont ukoll il-benefikati kollha li laħqu saru fiha;

»7. il-konjuġi Ellul dan ammettewh, u rrikonoxxew illi l-prezz realment miftiehem kien ta' Lm27,000, somma realistika meta wieħed iqis li sa dakinhar l-appartament kien prattikament lest minn kollox, u li dan sar a spejjeż u bil-ħidma ta' Karistu stess;

»8. ma kien hemm ebda reazzjoni għal dan mill-konvenut, lanqas meta l-istess xhieda qalu li baqgħu iħallsu l-bilanċ dovut ratealment, anke fil-mori tal-kawża presenti, minkejja li fil-kuntratt relattiv ġie dikjarat li l-prezz kollu kien tħallas fuq il-kuntratt.

»Għaldaqstant ma jibqa' ebda raġuni għaliex it-talbiet tal-atturi m'għandhomx jiġu milqugħa. Rendikont il-konvenut baqa' ma pproduċiex, minkejja li l-kawża ċivili għad-danni in konnessjoni mal-mewt ta' Karistu Cassar inqatgħet fil-mori tas-smigħ tal-kawża preżenti. Il-konvenut però ppreżenta kopji ta' pagamenti magħmula minnu f'dan ir-rigward. Dawn ilaħħqu total ta' Lm617.80. Il-konvenut donnu jippretendi li jiġi rimborsat ukoll għat-taxxa fuq qligħ kapitali li ħallas fuq il-kuntratt ta' bejgħ lill-konjuġi Ellul. Imma din it-taxxa fi kwalunkwe każ ried jissoportiha hu, anke kieku laħaq sar il-bejgħ lil Karistu Cassar. L-atturi qegħdin jitolbu Lm13,500 bejniethom u *cioè* nofs ir-rikavat mill-bejgħ tal-proprjetajiet in kwistjoni li kien ta' Lm27,000, neqsin sehemhom minn dawn l-ispejjeż. Dan għaliex mhux kontestat li Karistu Cassar miet intestat u l-eredi tiegħu kienu sitta, u *cioè* ommu l-attriċi Carmela Cassar, iż-żewġ atturi l-oħra, il-konvenuta, Angelo Cassar u Mary Jane Ellul. Għalhekk jiġi li hu dovut lill-atturi: Lm13,500 – Lm308.90 = Lm13,199.10.

»Għal dawn il-motivi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tiddeċidi l-kawża billi:

»1. tiddikjara mertu eżawrit fir-rigward tal-ewwel talba, billi fil-mori tal-kawza l-konvenut ippreżenta kopji tar-riċevuti tal-ispejjeż minnu inkorsi fil-kawżi li saru in konnessjoni mal-mewt ta' Karistu Cassar, ammontanti għal total ta' sitt mija u sbatax-il lira maltija u tmenin ċenteżmu (Lm617.80ċ); u

»2. tilqa' t-tieni talba u tordna lill-konvenuti jirrifondu lill-atturi l-bilanċ ta' sehemhom mill-prezz tal-proprjetà li kellu f'idejh Eucharist Cassar, u *cioè* tlettax-il elf, mija u disgħa u disgħin lira maltija u għaxar ċent-eżmi (Lm13,199.10ċ), li fi flus korrenti jġibu tletin elf seba' mija, ħamsa u erbgħin euro u erbgħin ċenteżmu (€30,745.40).

»Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra bonarja tat-12 ta' Settembru 2007 u tal-ittra uffiċċjali tas-26 ta' Settembru 2007. Billi l-ammont realment dovut ġie likwidat biss permezz ta' din is-sentenza, l-imgħaxijiet relattivi huma dovuti minn din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.«

9. Il-konvenuti appellaw b'rikors tas-17 ta' Diċembru 2013 li għalih l-atturi wieġbu b'appell inċidentali fis-27 ta' Jannar 2014. Il-konvenuti wieġbu għall-appell inċidentali fis-17 ta' Frar 2014.

10. Essenzjalment l-aggravji tal-konvenuti appellanti huma fis-sens illi, jekk l-atturi qegħdin jitolbu "rifużjoni" ta' dak li l-awtur tagħhom ħallas fuq il-konvenju – tant illi l-ewwel qorti qalet illi l-azzjoni hija msejsa fuq *indebiti solutio* – mela fl-aħjar ipotesi jista' jintraddilhom biss sehem-hom minn dak li ħallas l-awtur tagtħhom fuq il-konvenju u mhux sehem mir-rikavat tal-bejgħ mill-konvenuti lil terzi; meta ikkundannat lill-konvenuti jħallsu sehem mir-rikavat u mhux biss sehem minn dak li tħallas fuq il-konvenju, l-ewwel qorti marret *extra petita*. Barra minn hekk, il-konvenuti jikkontestaw ukoll il-konklużjoni tal-ewwel qorti illi l-awtur tal-atturi kien ħallas il-prezz kollu miftiehem fuq il-konvenju.

11. Il-konvenuti fissru l-ewwel parti tal-aggravju hekk:

»L-atturi nfushom jiddikjaraw espressament li l-azzjoni tagħhom bħala talba sabiex jiġi rifuż lilhom is-sehem spettanti lilhom mill-prezz imħallas minn Eucharist Cassar fuq il-konvenju tal-5 ta' Ottubru 1995. L-ewwel onorabbli qorti, għall-kuntrarju, iddeċidiet li l-kawża għandha

min-natura tal-*indebiti solutio,* ir-rifużjoni ta' pagament li jkun sar mingħajr ebda kunsiderazzjoni. Irrispettivament u mingħajr preġudizzju, għall-mument, mill-fatt li dawn huma żewġ tipi ta' azzjonijiet totalment differenti minn xulxin, u l-waħda teskludi lill-oħra, huwa fatt innegabbli li f'kull waħda minn dawn iż-żewġ ipoteżi l-limiti ta' dak li l-ewwel onorabbli qorti setgħet takkorda lill-atturi, anki jekk, għall-grazzja tal-argument biss, kellha tiġi adottata l-iktar teżi favorevoli għall-atturi, huma ċċirkondati bil-parametri ta' dak li ħallas Eucharist Cassar fuq il-konvenju jew in eżekuzzjoni tiegħu.

»Issa dak il-konvenju kien jistipula li l-bejgħ kien qiegħed isir bil-prezz ta' Lm19,500, li minnhom tħallsu Lm2000 bħala depożitu fuq il-konvenju, bil-bilanċ jitħallas fuq il-kuntratt, ħlief għal Lm4500 li kellhom jitħallsu f'pagamenti mensili ta' Lm100 kull wieħed mingħajr interessi. Huwa minnu li l-atturi jgħidu li l-propost kumpratur kien ħallas il-prezz kollu sussegwentement għall-iffirmar tal-konvenju. Imma, anki f'dan il-każ, il-massimu li, loġikament u legalment, l-ewwel onorabbli qorti setgħet takkordalhom kien sehemhom mis-somma ta' Lm19,500 u mhux minn Lm27,000. Peress li l-atturi bejniethom jirrappreżentaw tliet ishma minn sitta ($^{3}/_{6}$) minn dawk intitolati għall-wirt u suċċessjoni ta' Eucharist Cassar, isegwi li l-ewwel onorabbli qorti setgħet takkordalhom biss Lm9,500 u mhux Lm13,000.

»F'dan is-sens għalhekk, l-ewwel onorabbli qorti marret *oltre* t-talbiet tal-atturi meta akkordatilhom is-somma ta' Lm13,199.10.

»Fit-tieni lok, l-ewwel onorabbli qorti qieset li l-atturi qegħdin jiddeduċu l-azzjoni ta' *indebiti solutio* fit-termini tal-artikolu 1147 tal-Kodiċi Ċivili. Imma l-atturi nfushom riedu jinkwadraw l-azzjoni tagħhom fuq il-bażi ta' talba għal rifużjoni ta' ħlas li sar in eżekuzzjoni ta' konvenju li tilef il-validità tiegħu mingħajr ma ġie eżegwit. Din il-kawża hija bbażata fuq l-artikolu 1357 tal-istess Kodiċi li, skont ġurisprudenza kostanti tal-qrati tagħna, għandu jiġi interpretat u applikat fis-sens li jekk konvenju jiskadi mingħajr ma jiġi eżegwit, kull parti għandha titpoġġa fl-i*status quo ante* tagħha. Din hija kawża li għandha natura u indoli totalment differenti minn dawk tal-kawża li għall-kuntrarju l-ewwel onorabbli qorti ddeċidiet li hija l-kawża miġjuba 'l quddiem mill-atturi.

»L-ewwel onorabbli qorti għoġobha tikkwota lil Giorgi sabiex issostni t-teżi tagħha li r-rifużjoni ta' dak imħallas fuq il-konvenju għandha tkun ibbażata fuq l-artikolu 1147 tal-Kodiċi Ċivili. Imma, meta għamlet hekk, naqset milli tirrealizza li Giorgi nnifsu jissuġġetta l-applikabbiltà tal-artikolu ekwivalenti fil-Kodiċi Taljan antik, l-artikolu 1237, għas-segwenti kundizzjoni:

> »"quando non si trovi in qualche disposizione speciale dei contratti."

»Fil-każ odjern, kull eventwali dritt tal-atturi għal xi rifużjoni ta' dak verament imħallas minn Eucharist Cassar huwa rregolat bl-artikolu 1357 fuq iċċitat, applikabbli għall-"kuntratt" li huwa l-konvenju tal-1995. Għaldaqstant l-ewwel onorabbli qorti kienet żbaljata meta kkunsidrat it-talbiet quddiemha mill-ottika tal-istitut ġenerali tal-*indebiti solutio.*

»F'dan is-sens, għalhekk, hija marret *extra petita* t-talbiet tal-atturi.«

12. Jingħad qabel xejn illi ma huwiex minnu dak li jgħidu l-konvenuti illi ħlas magħmul fuq konvenju ma jkunx ħlas ta' indebitu jekk il-bejgħ ma jseħħx. F'każ bħal dan ir-rimedju fid-Dritt Ruman kien il-*condictio causa data causa non secuta*; fid-dritt tagħna r-rimedju huwa dak taħt l-art. 1147 Kod. Ċiv. dwar meta jkun tħallas dak li ma huwiex, jew ma jibqax, dovut. Il-fatt illi, meta sar, il-ħlas – bis-saħħa tal-konvenju – kien dovut ma jfissirx illi, meta titneħħa l-*causa* għall-ħlas – għax il-bejgħ ma jseħħx – il-ħlas jibqa' dovut: isir appuntu, fi kliem l-art. 1147, "dak li jitħallas bla ma jkollu jingħata". Effetivament il-*causa* legali aħħarija tkun dik komuni għall-kważi kuntratti: dik li l-konvenut ikun stagħna bla mistħoqq bit-telf tal-attur. Jekk l-azzjoni, forsi b'nuqqas ta' preċiżjoni rigoruża, titqies *condictio indebiti* flok *condictio causa data causa non secuta* ma jibdel xejn minn dan għax fil-liġi tagħna t-tnen isibu s-sisien tagħhom fl-art. 1147. Ma hu minnu xejn dak li jgħidu l-konvenuti illi "dawn huma żewġ tipi ta' azzjonijiet totalment differenti minn xulxin, u l-waħda teskludi lill-oħra". Igħidu ħażin ukoll il-konvenuti meta jgħidu illi l-azzjoni li għamlu jew li kellhom jagħmlu l-atturi hija dik taħt l-art. 1357 Kod. Ċiv. Dak l-artikolu jirregola kif titwettaq wegħda ta' bejgħ-u-xiri u x'jiġri jekk xi parti tonqos milli twettaq dak li tkun wiegħdet, u mhux x'jiġri meta l-partijiet iħallu jgħaddi ż-żmien miftiehem bla ma jagħmlu xejn aktar.

13. Iżjed għandu meritu l-argument illi l-*indebitum* li kellu jintradd kien dak li ħallas l-awtur tal-atturi fuq il-konvenju u mhux ir-rikavat tal-bejgħ li sar wara. Dan l-argument huwa msejjes fuq il-mod xejn preċiż kif l-atturi fasslu t-talba tagħhom meta talbu illi l-konvenuti "jirrifondu … l-

bilanċ ta' sehmhom mill-prezz tal-proprjetà msemmija": "tirrifondi" jew trodd lill-atturi dak li l-atturi (jew l-awtur tagħhom) ħallsu qabel, u mhux dak li ħallas ħaddieħor (ix-xerrej). Dan huwa meritu tat-tieni parti tal-aggravju li ġiet imfissra hekk:

> »Element essenzjali tal-kawża bbażata fuq l-*indebiti solutio* huwa dak li jkun l-attur li jkun ħallas il-pagament indebitu lill-konvenut, u għaldaqstant din ma hijiex il-kawża idonea u approprjata meta l-flus li l-attur qiegħed jitlob mingħand il-konvenut ikunu tħallsu minn terzi persuni. Fil-każ odjern, huwa paċifiku li l-flus li l-ewwel onorabbli qorti ordnat lill-esponenti sabiex 'jirrifondu' lill-atturi ma tħallsux mill-atturi jew minn Eucharist Cassar *bensì* minn Vincent Ellul u martu.
>
> »Barra minn hekk, huwa paċifiku illi "jekk ma ssirx il-prova ta' dak l-iżball fis-*solvens*, u b'mod speċjali jekk isir il-prova li dak is-*solvens* kien jaf biċ-ċirkustanzi li mħabba fihom ma kienx tenut għall-ħlas, allura ma għandux dritt għar-ripetizzjoni ta' dak li ħallas". (Kollez. Vol. XLI P. I p. 76). F'dan il-każ ma nġabet l-ebda prova li jekk u meta Eucharist Cassar ħallas xi ammonti lill-esponenti (dejjem jekk jiġi konkluż li saru xi pagamenti – ħaġa li hija fermement ikkontesta mill-esponenti) huwa ma kienx jaf li l-konvenju li huwa oriġinarjament kellu fis-seħħ mal-esponenti ma kienx skada, u li kwindi huwa ma kienx jaf li ma kienx tenut għall-ħlas.«

14. Huwa minnu li l-atturi talbu "rifużjoni", *i.e.* ħlas lura ta' dak li tħallas lill-konvenuti mill-awtur tagħhom. Madankollu, dan in-nuqqas ta' preċiż-joni fl-użu tal-kliem ma jibdilx il-fatt illi l-attur qegħdin jitolbu sehem mill-prezz tal-bejgħ u mhux sehem minn dak imħallas fuq il-konvenju, u għalhekk strettament il-qorti ma tathomx *ultra petita* meta tathom sehem mill-prezz tal-bejgħ.

15. Li hu minnu hu illi l-*causa* għall-ħlas ta' sehem mid-differenza bejn il-prezz tal-bejgħ lil terzi u dak imħallas mill-awtur tal-atturi fuq il-konvenju hija differenti: ma għadniex fl-ipotesi tal-*condictio causa data causa non secuta* iżda f'ta' dik li llum tissejjaħ *actio de in rem verso*, għax effettivament l-atturi qegħdin jitolbu wkoll li l-konvenuti ma jitħallewx jistgħanew bla mistħoqq bl-investiment li għamel l-awtur

tagħhom meta żied il-valur tal-fond bix-xogħlijiet li għamel fih. Fit-talba li jingħataw sehem mir-rikavat tal-bejgħ u mhux minn dak imħallas fuq il-konvenju, l-atturi qegħdin impliċitament jekk mhux espresssament jitolbu li jingħataw sehemhom ukoll minn din iż-żjieda fil-valur. Wara kollox, il-benefikati li l-awtur tal-atturi għamel fil-fond kienu tras-feriment mill-patrimonju tiegħu għal dak tal-konvenuti, bħal ma kien trasferiment mill-patrimonju tiegħu għal dak tal-konvenuti l-ħlas li għamel fuq il-konvenju.

16. Naturalment, dak li għandhom iroddu l-konvenuti (b'żjieda ma' dak li tħallsu fuq il-konvenju) huwa biss dak li stagħnew bla mistħoqq meta bigħu l-fond lil terzi. Dan ma huwiex ekwivalenti għad-differenza bejn il-prezz miftiehem fuq il-konvenju fl-1995 – dsatax-il elf u ħames mitt lira ta' Malta (Lm19,500) – u l-prezz tal-bejgħ fl-1998, li l-qorti taqbel mal-ewwel qorti illi ma kienx dak muri fuq il-kuntratt – disat elef lira ta' Malta (Lm9,000) – iżda sebgħa u għoxrin elf lira (Lm27,000). Parti mid-differenza hija dovuta mhux għall-benefikati li għamel l-awtur tal-atturi iżda għal-apprezzament fil-valur tal-immobbli, li naturalment tmiss lill-konvenuti ladarba dawn kienu s-sidien.

17. Meta tqis illi l-indiċi ta' inflazzjoni[5] fl-1995 kien 536.61 u dak fl-1998 kien 580.61, valur ta' dsatax-il elf u ħames mitt lira (Lm19,500) fl-1995 kien jiżdied għal bejn wieħed u ieħor wieħed u għoxrin elf u mitt lira ta' Malta (Lm21,100)[6] fl-1998. Iż-żjieda fil-valur minħabba l-benefikati li għamel l-awtur tal-atturi għalhekk kien ta' ħamest elef u disa' mitt lira

---

5 Pubblikat taħt l-Ordinanza li tneħħi l-Kontroll tad-Djar [Kap. 158].

6 Lm19,500 × 580.61 ÷ 536.61 = Lm21,099.

(Lm5,900). Mela dak li għandhom iroddu l-konvenuti (qabel jitnaqqsu l-ispejjeż tal-kawża li kienu ħallsu fl-interess tal-wirt u bla ħsara għall-konsiderazzjonijiet li għad iridu jsiru fuq l-aħħar parti tal-aggravju dwar it-taxxa fuq qligħ kapitali) huwa dsatax-il elf u ħames mitt lira ta' Malta (Lm19,500) li rċevew fuq il-konvenju u ħamest elef u disa' mitt lira (Lm5,900) tal-benefikati li għamel l-awtur tal-atturi: b'kollox ħamsa u għoxrin elf u erba' mitt lira (Lm25,400).

18. Dwar l-argument jekk il-ħlas fuq il-konvenju sarx bi żball jew le – argument li jolqot biss dak dovut bħala ħlas lura ta' indebitu u mhux bħala ħlas għal arrikkiment mhux mistħoqq – il-qorti tosserva illi l-argument ma għandux relevanza. Il-ħlas għandu jintradd mhux għax sar bi żball iżda għax il-*causa* li għaliha sar ġiet fix-xejn: appuntu *causa data causa non secuta*.

19. Għalhekk, bla ħsara għal dak li ngħad dwar il-*quantum* li għandu jitħallas mill-konvenuti lill-atturi, din il-parti tal-aggravju wkoll għandha tiġi miċħuda.

20. It-tielet parti tal-aggravju tolqot il-kredibilità tax-xhieda.

21. Il-konvenuti jressqu diversi raġunijiet għala fil-fehma tagħhom għandha titwemmen il-verżjoni tagħhom u mhux dik tal-atturi. Il-qorti qieset ir-raġunijiet kollha mressqa mill-konvenuti u tqis illi dawn huma biss argumenti msejsa fuq ipotesijiet u suppożizzjonijiet li ma humiex imsaħħa bi provi konkreti. Min-naħa l-oħra, din il-qorti tqis ir-raġunijiet imressqa mill-ewwel qorti favur il-verżjoni tal-atturi bħala tajba, loġika u konvinċenti, u ma tara li tressqet ebda raġuni tajba għala din il-qorti

għandha tiddisturba l-apprezzament tal-fatti magħmula mill-ewwel qorti. Wara kollox, l-ewwel qorti kellha l-benefiċċju li tisma' x-xhieda u tara l-imġieba tagħhom waqt li qegħdin jixhdu, u għalhekk setgħet tagħmel valutazzjoni tal-kredibilità tagħhom aħjar milli tista' tagħmel din il-qorti.

22. Din il-parti tal-aggravju wkoll hija għalhekk miċħuda.

23. L-aħħar parti tal-aggravju tal-konvenuti tolqot id-deċiżjoni tal-ewwel qorti li ma tagħtix tnaqqis għat-taxxa fuq qligħ kapitali, u ġiet imfissra hekk:

> »Finalment … hemm il-kwistjoni tat-taxxa fuq il-qligħ kapitali. L-ewwel onorabbli qorti ibbażat il-konklużjoni tagħha f'dan ir-rigward fuq din il-kunsiderazzjoni:
>
> > »"Il-konvenut donnu jippretendi li jiġi rimborżat ukoll għat-taxxa fuq qliegħ kapitali li ħallas fuq il-kuntratt ta' bejgħ lill-konjuġi Ellul. Imma din it-taxxa fi kwalunkwe każ ried jissoportiha hu, anke kieku laħaq sar il-bejgħ lil Karistu Cassar."
>
> »Bir-rispett kollu dovut lejn dik il-qorti, din il-kunsiderazzjoni hija totalment u assolutament skorretta. Anki jekk l-atturi jingħataw raġun f'kollox, u anki jekk il-kawża hija waħda ta' *indebiti solutio* jibqa' l-fatt li l-konvenut f'kawża simili jista' jiġi kkundannat iħallas biss dak l-ammont li bih realment u effettivament huwa ġie vvantaġġjat. Jekk mill-ammont riċevut kellhom legalment jitħallsu xi taxxi jew imposti oħra dawn għandhom neċessarjament jitnaqqsu mill-ammont gross riċevut. U l-punt ma huwiex daqstant li l-esponenti kellhom iħallsu tali taxxa anki kieku il-bejgħ lil Karistu Cassar kien laħaq sar; imma li kieku l-bejgħ kien verament laħaq sar u kienet il-familja kollha li kienet qiegħda twettaq dak il-bejgħ, l-ammont ta' taxxa xorta kellha titħallas mill-familja. L-ammont involut f'dan il-każ kien ta' Lm630.«

24. Il-konvenuti rċevew dsatax-il elf u ħames mitt lira (Lm19,500) bħala prezz ta' bejgħ li ma sarx, u għalhekk iridu jrodduhom, u rċevew ukoll sebgħa u għoxrin elf lira (lm27,000) bħala prezz tal-bejgħ li sar u li għalhekk sejrin iżommuhom ħlief għall-parti li tikkorrespondi għall-benefikati li saru mill-awtur tal-atturi. Il-qligħ kapitali ma sarx bis-saħħa

tal-konvenju li ma wassalx għal bejgħ iżda bis-saħħa tal-bejgħ li sar. Ladarba l-qligħ kapitali sejrin igawdu l-frott tiegħu l-konvenuti, it-taxxa relativa għandhom iħallsuha huma. Ukoll, ladarba t-taxxa fuq qligħ kapitali titħallas fuq apprezzament tal-valur *ut sic* u mhux fuq awment minħabba benefikati, it-taxxa għandhom iħallsuha kollha l-konvenuti.

25. Dan l-aggravju wkoll huwa għalhek miċħud.

26. Għal dawn ir-raġunijiet il-konvenuti għandhom iroddu ħamsa u għoxrin elf u erba' mitt lira (Lm25,400) kif imfisser fil-para. 17. Minn dawn jonqsu sitt mija u sbatax-il lira u tmenin ċenteżmu (Lm617.80) spejjeż li ħarġu l-konvenuti għall-kawża li saret fl-interess tal-werrieta u hekk jifdal erbgħa u għoxrin elf, seba' mija u tnejn u tmenin lira u għoxrin ċenteżmu (Lm 24,782.20). Sehem l-atturi huwa n-nofs: tnax-il elf, tliet mija u wieħed u disgħin lira u għaxar ċenteżmi (Lm12,391.10) – daqs tmienja u għoxrin elf, tmien mija u tlieta u sittin euro u ħamsin ċenteżmu (€28,863.50) fil-munita tallum.

27. Ngħaddu issa għall-appell inċidentali tal-atturi, li jolqot id-data minn meta għandhom jibdew igħaddu l-imgħaxijiet. L-atturi fissru l-aggravju hekk:

> »Illi l-ewwel qorti ddeċidiet l-imgħax għandu jitħallas mis-sentenza sad-data tal-effettiv pagament għax argumentat illi l-ammont dovut ġie likwidat permezz tas-sentenza odjerna. L-esponenti umilment jissottomettu li l-ammont dovut kien ilu ċert, likwidu u dovut minn dakinhar li ġie stabbilit li l-proprjetà ta' Karistu Cassar kellha tinbigh Lm27,000. Huwa minnu li minn sehem l-atturi minn dik is-somma u *cioè* Lm13,500 kellhom jitnaqqsu l-ispejjeż inkorsi mill-konvenut, li però għalkemm interpellat sabiex jagħti rendikont tal-ispejjeż inkorsi minnu naqas li jagħmel dan. L-esponenti umilment jissottomettu illi dan in-nuqqas tal-konvenut li wassal ukoll sabiex jsiru l-proċeduri odjerni ma għandux jissarraf f'benefiċċju għalih wara li l-konvenuti appellanti ilhom dawn is-snin kollha jużufruwixxu ruħhom minn flus l-esponenti.

Aktar u aktar meta rriżulta li l-ispejjeż magħmula mill-appellant kienu minimi u sehem l-esponenti minn dawn l-ispejjeż jammonta biss għas-somma minima ta' Lm308.90.«

28. Il-konvenuti wieġbu hekk:

»Teżisti ġurisprudenza kostanti u abbondanti fis-sens li meta l-ammont mitlub ma huwiex likwidu jew ċert, ma jistgħux jiddekorru mgħaxijiet ħlief mid-data tal-pronunzjanient ġudizzjarju.«

29. Dwar minn meta jibdew igħaddu l-imgħaxijiet l-art. 1141 igħid hekk:

»**1141.** (1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu *ipso jure*, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak innhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.

»(2) F'kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b' att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni talobbligazzjoni.«

30. L-art. 1141(2) huwa applikazzjoni tal-prinċipju *lite contestata usuræ currunt*. L-imgħax mela kellu jibda jgħaddi minn dakinhar li saret talba għall-ħlas b'att ġudizjarju. Ir-raġuni hija illi d-debitur, għalkemm imsejjaħ biex iħallas, baqa' jgawdi flus li suppost kellu jgawdihom il-kreditur. Dak il-benefiċċju għalhekk għandu jgħaddih lill-kreditur fil-forma ta' mgħaxijiet; ma għandux jieħdu d-debitur il-benefiċċju talli dewwem il-ħlas.

31. Dan l-aggravju tal-atturi għalhekk għandu jintlaqa'.

32. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiddisponi mill-appell ewlieni u minn dak inċidentali billi tirriforma s-sentenza appellata:

i. tħassarha fejn ikkundannat lill-konvenuti jħallsu tletin elf seba' mija, ħamsa u erbgħin euro u erbgħin ċenteżmu (€30,745.40) u

tikkundannahom, minflok, iħallsu tmienja u għoxrin elf, tmien mija u tlieta u sittin euro u ħamsin ċenteżmu (€28,863.50);

ii. tħassarha fejn ordnat li l-imgħaxijiet legali jibdew igħaddu minn dakinhar tas-sentenza u tordna, minflok, li l-imgħaxijiet jibdew igħaddu minn dakinhar li saret talba għall-ħlas b'att ġudizzjarju;

iii. tikkonferma s-sentenza fil-bqija.

33. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad kif ukoll tal-appell, iħallsuhom il-konvenuti.

34. Billi jidher illi fil-kuntratt tal-10 ta' Ottubru 1998 fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani bejn il-konvenuti min-naħa l-waħda u Vincent u Jane Ellul min-naħa l-oħra x'aktarx seħħet evażjoni fiskali billi l-prezz dikjarat ta' disat elef lira ta' Malta (Lm9,000) kien anqas mill-prezz tassew imħallas ta' sebgħa u għoxrin elf lira (Lm27,000), il-qorti tordna lir-reġistratur jibgħat kopja ta' din is-sentenza lill-Kummissarju tat-Taxxi sabiex dan jimxi kif jidhirlu xieraq taħt il-liġi.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb